MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 2/2010

**Carmelo Saliba**

**Vs**

**Joseph Camilleri u l-avukat Wenzu Mintoff fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gurnal Kullhadd**

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2010 l-attur talab li prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' artiklu bl-isem *"Stil Gdid ta' Tmexxija fiz-Zebbug"* ippubblikat fil-gurnal "Kullhadd" tal-20 ta' Dicembru 2009, inkiteb bl-ghan li jtellfu u jnaqqsu r-reputazzjoni tal-attur u biex jingurjawh, il-konvenuti jigu kundannati jhallsu danni fl-ammont ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu euro (€11,646.87).

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata minn Joseph Camilleri (fol. 6) fid-9 ta' Frar 2010 li biha qieghed jecepixxi:-

1. Fil-kitba *de quo* m'hemm l-ebda ngurija lejn l-attur izda biss fatti li jigu ppruvati u fehmiet – dritt rikonoxxut f'socjeta li tqim tassew il-liberta tal-espressjoni.
2. Il-ligi tal-istampa ma tippremettix tifsiriet "imgebbda" biex lil xi kitba tinghatalha tifsira li ma jarahiex l-average reader.
3. Fi kwalunkwe kaz l-artikolu in kwistjoni hu *"fair comment"* permissibbli f'socjeta' demokatrika specjalment meta l-istess Sindku taz-Zebbug, Ghawdex jifforma parti min partit politiku, li fuq il-karru tieghu ikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Oltre dan l-istess materja hija ta' interess pubbliku u bl-ebda mod ma ittellef jew tnaqqas mir-reputazzjoni jew gieh tal-attur u bl-ebda mod ma tingurjah.

Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut Dottor Wenzu Mintoff (fol.9) fis-26 ta' Frar 2010 ecepixxa li:-

1. Il-pubblikazzjoni m'hijiex libelluza.
2. Il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll taht il-ligi ta' l-Istampa. Jekk l-attur deherlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezi li jolqtu lilu, huwa kellu rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.
3. Dawn il-proceduri nbdew mill-attur biex iservu ta' *chilling effect* biex jahrab mill-iskrutinju pubbliku dwar decizjonijiet li ha waqt li qieghed jokkupa kariga pubblika.
4. Subordinament u minghajr pregudizzju, in kwantu l-ittra tikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabli f'socjeta' demokratika kif wkoll that il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta dwar ittra li giet pubblikata fil-harga tal-gazzetta *Kullhadd* tal-Hadd 20 ta' Dicembru 2009 bit-titlu *"Is-sindku taz-Zebbug bi stil gdid ta tmexxija."* (fol. 8). Fid-data tal-pubblikazzjoni l-attur kien jokkupa l-kariga ta sindku taz-Zebbug u l-ittra inkitbet mill-kunsillier Joseph Camilleri. Fiha jinghad li:

- L-attur bhala sindku tal-Kunsill Lokali taz-Zebbug qieghed ***"jmexxi l-laqghat bi stil gdid li jixbah dak dittatorjali."***.
- Fil-laqgha tal-24 ta' Novembru s-sindku kien ipprezenta 19 il-proposta *"... qishom il-kmandamenti ta' Mose', iffirmata minnu mill-Vici Sindku, bhala diga' approvati. Ma' dawn haga naturali qabel ukoll il-kunsillier l-iehor tal-PN"*.
- Ghalkemm Joseph Camilleri u l-kunsillier Victor Refalo oggezzjonaw ghal mod kif tressqu l-proposti, *".... ahna gejna kompletament injorati u s-sindku kien pront ghadda l-lista lis-Segretarju Ezekuttiva biex din titwettaq dak li approva huma."*.
- L-awtur isostni li dan l-agir min-naha tas-sindku hi *"mgiba tal-misthija, abbuziva, kontra kull etika f'pajjiz demokratiku u kontra l-ligi li fi ftit hin tal-PN fil-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex, ghax ghandhom il-maggoranza u ghax hemm il-partit taghhom fil-Gvern approvaw 19 il-talba mahduma minnhom stess minghajr ebda diskussjoni u li fuq kollox se jiswew lill-poplu eluf kbar ta' ewro."*.
- Jinghad ukoll li mill-proposti li kienu gew approvati, is-Sindku kien diga' beda jixtri affarijiet minghajr stima.

2. Hu minnu li fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009 is-Sindku ipprezenta dokument b'19 il-proposta u li kien iffirmat mill-Vici Sindku. Min-naha tieghu il-Kunsillier Harry Debono ddikjara li kien jaqbel ma' dawn il-proposti. Il-konvenut flimkien mal-kunsillier Victor Refalo talbu li kull wahda mill-proposti tigi diskussa. L-attur laqgha t-talba. Filwaqt li kienet qeghda tigi diskussa r-raba' proposta, il-Kunsillier Debono talab li jigi skuzat ghaliex ried imur Malta mal-vapur tas-7.30 p.m. Kif raw hekk, il-konvenut

Camilleri u l-kunsillier Refalo telqu mil-laqgha u ntilef il-quorum. Minhabba f'hekk il-laqgha ma setatx titkompla. Fis-seduta ta' wara, 30 ta' Novembru 2009, il-konvenut Camilleri ma attendiex. Fil-minuti jinghad li *"il-Kunsill iddiskuta d-dsatax il-proposta mressqa mis-Sindku u approvata mill-Kunsill fl-ahhar laqgha."* (fol. 32). Imbaghad fil-laqgha tas-16 ta' Dicembru 2009 regghet saret diskussjoni fuq xi whud mill-proposti li kien ressaq l-attur fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009.

3. Dan hu incident li nqala' bla bzonn. Ikun iktar floku jekk il-kunsilliera jinsew ftit l-allejanzi politici u jahdmu id f'id ghall-gid tal-lokalita fejn qeghdin jahdmu fiha.

Mill-provi li tressqu l-qorti qeghda tifhem li d-dsatax (19) il-proposta li ressaq l-attur (ara fol. 48) fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009 ma kienux jissemmew fl-agenda li tqassmet lill-kunsilliera qabel il-laqgha. Il-proposti jvarjaw minn per ezempju:-

- Quddiesa ghall-erwieh fic-cimiterju tal-parrocca fid-29 ta' Novembru 2009;
- Approvazzjon sabiex jinxtara zebgha ghal railing fil-gnien madwar il-wied ta' Marsalforn;
- Approvazzjoni ghal kisi bil-konkos fi Triq ta' Wied l-Infern, xiri ta' tavli u tqeghid ta' konkos fuq hitan;
- Approvazzjoni sabiex jinxtara materjal biex issir manutenzjoni fi Triq tas-Sinet, Zebbug;
- Ikla tal-milied bejn il-kunsilliera u staff;
- Approvazzjoni ghall-istampar ta' kalendarju ghas-sena 2010 b'veduti tal-lokalita';
- Party tat-tfal tal-lokalita',
- Sejha ghall-provvista ta konkos li tkun ghall-perjodu ta' sena;
- Tqeghid ta' erbgha fanali fi Triq is-Sajjied;

F'ittra datata 14 ta' Dicembru 2009 li Camilleri baghat lid-Direttur fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, ressaq l-ilmenti tieghu fir-rigward ta' whud mill-proposti li saru mill-attur fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009.

Fil-fehma tal-qorti l-proposti li ressaq l-attur fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009 kellhom jitressqu bhala mozzjoni, irrispettivament ta' x'setghet kienet il-prattika tal-kunsill lokali taz-Zebbug[1]. Ir-regolamenti jsiru sabiex jigu osservati. Dan ifisser li skond ir-regolament numru 7 tas-sitt skeda dwar l-Att ta' Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-mozzjoni kellha tkun imnizzla fuq l-agenda tal-laqgha jew inkella jkun inghata avviz bil-miktub li jinghata lis-Segretarju Ezekuttiva ta' l-inqas sitt ijiem qabel il-laqgha. Minn dan kollu ma sar xejn. Ukoll jekk wiehed ma jaqbilx ma' din il-fehma, certament li hu floku li proposti bhal dawk li saru mill-attur ghandhom jigu cirkolati fost il-kunsilliera qabel il-laqgha sabiex kullhadd ikun avzat minn qabel.

4. Hu fatt li mhux dak kollu li m'huwiex veru jitqies li hu libelluz[2]. Il-messagg li ried jinghata fl-ittra pubblikata fil-gazzetta Kullhadd tal-20 ta' Dicembru 2009 hu li l-attur qieghed imexxi l-laqghat tal-kunsill bi stil li jixbah dak dittatorjali. Akkuza xejn sabiha. L-awtur allega li hu u Refalo gew ghal kollox injorati u s-sindku qies il-proposti kollha bhala approvati peress li l-kunsilliera Bajda u Debono kienu ddikjaraw li jaqblu maghhom. Madankollu l-minuti tal-laqgha juru mod iehor, fis-sens li wara li Camilleri u Refalo talbu li ssir diskussjoni fuq kull proposta, l-attur laqgha t-talba u l-proposti bdew jigu diskussi. Camilleri u Refalo kellhom ragun li jinsistu li ssir diskussjoni dwar il-proposti li saru mill-attur. Madankollu m'huwiex veru li ma saret l-ebda diskussjoni jew li l-kunsilliera Camilleri u Refalo gew "injorati" u li l-attur ta l-

[1] Is-Segretarja Ezekuttiva Diane Tagliaferro kkonfermat li, *"Il-Kunsill Lokali taz-Zebbug ghandu l-prattika li minflok iressaq ghall-mozzjoni jressqu dawn it-tip ta' proposti waqt il-laqghat. Anki gieli verbalment. Ma nafx illi hemm kemm ili bhala segretarja kien hemm dan in-numru kbir ta' proposti f'darba wahda pero gieli kien hemm affarijiet ta' entita li ma nistax niddeksrivihom bhala zghira fejn ma saritx bil-procedura tal-mozzjoni, il-proposta ssir verbalment waqt is-seduta."* (fol. 17).

[2] *"The law of libel will not correct all, or even most, false statements It can be activated only when a false statement actually damages a reputation. An assertion is not defamatory simply because it is untrue – it must lower the victim in the eyes of right-thinking citizens. However irksome it may be to have inaccuracies published about one's life or behaviour – dates misstated, non-existent meetings described, and qualifications misattributed – there must be a sting in the falsehood that reflects discredit in the eyes of society."* (*Media Law*, G Robertson & A. Nicol, Penguin Books (2008) pagna 105).

lista lis-Segretarja Ezekuttiva Diane Tagliaferro biex jitwettqu l-affarijet ki kienu jissemmew fil-lista, kif allega l-konvenut fl-ittra in kwistjoni[3]. Inoltre, is-Segretarja Ezekuttiva ikkonfermat li l-minuti tal-laqghat jinzammu minnha, u li kieku xi hadd mill-kunsilliera kien oggezzjona ghall-proposti kienet tirregistra dan fil-minuti. Fir-realta' fil-minuti ma tissemma l-ebda oggezzjoni ghal xi wahda minn dawn il-proposti. Li gara hu li kif il-kunsillier Debono telaq ghaliex ried jilhaq il-vapur tas-7.30 p.m., il-kunsilliera Camilleri u Refalo sabu l-opportunita biex ma titkomplix il-laqgha u telqu 'l barra mil-laqgha. B'dan il-mod kienu qeghdin jesprimu l-oggezzjoni taghhom ghal mod kif l-attur ressaq dawk il-proposti kollha waqt il-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009. Jirrizulta wkoll li fis-seduta ta' wara, 30 ta' Novembru 2009, il-konvenut ma attendiex ghal laqgha u f'dik il-laqgha tkompliet id-diskussjoni tal-proposti[4]. Is-Segretarja Ezekuttiva spjegat li *"Sar-raba' (4) punt kienu qeghdin jaqblu min-naha ta' Camilleri u Refalo. Ma kienx hemm oggezzjonijiet. Lanqas fil-laqgha tat-tletin (30) ta' Novembru ma kien hemm oggezzjonijiet min-naha ta' Refalo. Fit-tieni laqgha votazzjoni ma ttiehditx pero' l-items gew diskussi."* (fol. 17). Il-fatt li l-attur kien accetta li ssir diskussjoni fuq il-proposti, ma jissemmix fl-ittra anzi l-awtur tal-ittra kiteb li ma saret l-ebda diskussjoni u li hu u l-kunsillier Refalo gew "injorati". Fil-fehma tal-qorti Camilleri ma kienx gustifikat li jxebbah il-mod kif l-attur imexxi l-laqghat tal-kunsill ma' stil dittatorjali. Kieku dak li qal Camilleri ghandu mis-sewwa l-attur ma kienx jaccetta li ssir diskussjoni dwar kull proposta. Camilleri xehed li bl-ittra ma ried iwegga' lil hadd, *"Jiena ma ghidtx li s-sindku hu dittatur"* u *"Jiena ma ridtx nghid li s-sindku hu dittatur."* (fol. 76). Fil-fehma tal-qorti l-messagg li inghata lill-qarrej hu li l-attur qieghed jabbuza mill-kariga ta' sindku billi waqt

---

[3] Fl-ittra jinghad: *"…. ahna gejna kompletament injorati u s-sindku kien pront ghadda l-lista lis-Segretarja Ezekuttiva biex din twettaq dak li approvaw huma."* u *"approvaw 19-il talba mahduma minnhom minghajr ebda diskussjoni u li fuq kollox se* jiswew lill-poplu eluf kbar ta' ewro.".

[4] Fil-minuti tal-laqgha tat-30 ta' Novembru 2009 jinghad: "Il-Kunsill iddiskuta d-dsatax il-proposta mressqa mis-Sindku u approvata mill-Kunsill fl-ahhar laqgha. Dwar l-offerta tal-konkos gie deciz li ghandha tinghata preferenza lil min ghandu mpjant tal-konkos (titnizzel bhala kundizzjoni). Dwar il-permess lil Baron Group, is-Sindklu qal li ghandhom jaghmlu t-talba taghhom bil-miktub ghalkemm dan qed ikun approvat." (fol. 32).

il-laqghat tal-kunsill ma josservawx il-principji bazici ta' demokrazija, fis-sens li fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009 ipprezenta *fait accompli* u injora ghal kollox lill-kunsilliera Camilleri u Refalo. Din m'hijiex il-verita'. L-awtur ma jistax jipprova jinheba wara d-difiza ta' *fair comment*, meta tqies li l-attur kien accetta li ssir diskussjoni fuq il-proposti li ressaq hu stess u fil-fatt saret tali diskussjoni[5]. Kieku l-affarijiet graw ezatt kif irrakkonta Camilleri, ma kenitx issir diskussjoni dwar kull proposta. Hu evidenti li Camilleri deliberament ghazel li jghid li ma saritx diskussjoni u li l-kunsilliera laburisti gew injorati minkejja li pprotestaw. B'dan il-mod tefa' dawl ikrah fuq l-attur billi sahhah l-argument tieghu li s-sindku kien qieghed imexxi l-laqghat bi stil dittatorjali. F'dan ir-rigward il-verzjoni tal-fatti li rrakkonta Camilleri m'ghandix mis-sewwa u l-awtur deliberament ghazel li ma jsemmix li fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009 kien bdew jigu diskussi l-proposti u li l-laqgha waqfet hesrem ghaliex hu u Refalo telqu 'l barra. Inoltre, ma semma xejn li fil-laqgha tat-30 ta' Novembru 2009 ma kienx prezenti u li mill-minuti kien jirrizulta li tkompliet id-diskussjoni.

L-attur ilmenta li fl-ittra saru dikjarazzjonijiet ohra li jaghtuh malafama. Ir-riferenza ghall-approvazzjoni ta' tqeghid ta' fanali fi triq gewwa Marsalforn hi pjuttost kritika fis-sens li ma kienet saret l-ebda talba bil-miktub mill-izvilupattur, u minkejja dan il-kunsilliera msiehba mal-Partit

---

[5] *"Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista' triegi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru...."* (Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef), **Onor John Dalli vs Gino Cauchi** deciza fid-9 ta' Ottubru 2002). Fil-kawza **Onor. Dottor Joseph Fenech vs Stephen Calleja et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju 1993 gie osservat: *"L-eccezzjoni tal-fair comment, kif gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza u l-awturi in materja, tista' tigi gustifikata u sorretta biss fil-kazijiet fejn il-fatti li dwarhom ikun sar il-kumment ikunu veri u ikunu hekk gie provati li huma."*. Fis-sentenza **Onor. Dottor Eddie Fenech Adami vs Felix Agius** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fil-5 ta' Ottubru 1993 gie osservat: *"Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza illi biex l-eccezzjoni tal-fair comment tista tregi, il-kumment irid ikun sar fuqfatti li jirrizultaw pruvati bhala veri; "The defence of fair comment is only available for fair comment made upon true facts". "Where the defendant cannot prove the truth of the facts upon which the comment is made, the defence of fair comment fails on the ground that the defendant did not get his facts right" (The Law of Libel & Slander in Canada – 1988, Jeremy S. Williams pgs. 103 et seq.)".*

Nazzjonalista xorta taw l-approvazzjoni taghhom. L-attur irid japprezza li bhala persuna li tokkupa kariga pubblika jista' jkun soggett ghall-kritika fl-operat tieghu. Il-fatt li l-Kunsill taz-Zebbug ma kienx ser johrog flus ghat-tqeghid tal-fanali ma jfissirx li ma kellix issir diskussjoni.

L-attur ilmenta wkoll li fl-ittra jinghad li xi oggetti approvati fl-24 ta' Novembru 2009 kienu diga' bdew jinxtraw minnu *"minghand min irid hu u minghajr ebda stima u/jew kwotazzjoni, meta kull ordni ta' xiri, ta' xoghol u ta' xi attivita' trid tinghata mis-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill, u bil-miktub ghax hekk titlob il-ligi."*. L-awtur tal-ittra rega' tenna li dak li kien approvat fl-24 ta' Novembru 2009 kien sar *"bi stil dittatorjali u arroganti"*. Mill-provi ma rrizultax x'suppost kienu dawn l-oggetti li xtara s-Sindku[6]. Hawnhekk l-awtur qieghed jerga' jipprova jitfa' dawl ikrah fuq l-agir tal-attur, fis-sens li jaghmel fattih u jabbuza mill-kariga li ghandu.

5. L-editur isostni li l-pubblikazzjoni hi biss rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku. Madankollu l-interess pubbliku ma tatix licenzja sabiex wiehed joskura ir-reputazzjoni ta' persuna b'fatti li m'humiex minnhom, kif gara f'dan il-kaz. Hekk ukoll ghalkemm il-liberta ta' espressjoni hi wahda mill-pedamenti ta' socjeta demokratika, pero b'daqshekk ma jfissirx li kullhadd jista' jghid li jrid.

6. Ghal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni, il-qorti ser tiffissa somma minima ta' mitt ewro (€100) in kwantu hi tal-fehma li l-attur kellu mezzi ohra li bihom seta' facilment irribatta dak li allega l-Camilleri u jaghti l-verzjoni tieghu ta' dak li gara fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009. Ma kien hemm xejn x'izomm lill-attur milli jwiegeb dik l-ittra jew sahansitra jitlob id-dritt tar-risposta fit-termini tal-provvedimenti dwar l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248). Il-qorti hi konvinta li kieku l-attur wiegeb a *tempo vergine* l-

---

[6] L-attur xehed: *"Mid-dsatax-il (19) il-proposta ma kien hemm xejn materjal li xtrajt jiena personalment. Gieli xtrajt pero' xi materjal ghall-Kunsill,bhal zebgha. Is-segretarja tkun taf minn qabel. Jiena naghtiha l-invoice biex tigi approvata mill-Kunsill, imbaghad isir il-hlas."* (fol. 56)

ittra li gie pubblikata fil-gazzetta, l-effett kien ikun iktar b'sahhtu milli s-sentenza li qeghda tinghata kwazi sena u nofs wara li sehh l-incident. Inoltre, kien il-mod li bih l-attur ressaq il-proposti fil-laqgha tal-kunsill li saret fl-24 ta' Novembru 2009 li waslet ghal din il-kwistjoni bla bzonn, ghalkemm ir-rejazzjoni ta' Camilleri kienet sproporzjonata. Dan apparti l-fatt li l-qorti m'hijiex daqstant konvinta li l-attur sofra xi danni kbar meta tikkunsidra dak li kiteb il-konvenut dwar il-mod kif mexxa l-laqgha li saret fl-24 ta' Novembru 2009.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-ittra li giet pubblikata fil-gazzetta Kulllhad tal-20 ta' Dicembru 2009 taht it-titlu *"Is-Sindku taz-Zebbug bi stil gdid ta' tmexxija"* hi malafamanti, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' mitt ewro (€100) bhala danni.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti u bl-imghax mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------